MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 1007/2014

**HSBC Bank Malta p.l.c (C3177)**

**vs**

**Francis Caruana (ID 647554M) u martu Anna Caruana (ID 118156M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mill-bank rikorrenti fil-11 ta' Novembru 2014 ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn il-Prokuratur Legali Catherine Fenech għan-nom u in rappreżentanza tal-istess bank rikorrenti bil-ġurament ikkonfermat:

*Illi permezz tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-Atti tan-Nutar Dottor Herbert Cassar datat 4 ta' Mejju, 2000, u reż eżekuttiv permezz ta' ittra uffiċjali datata 27 ta' Marzu 2001, liema titolu eżekuttiv ġie mġedded permezz ta' sentenza mogħtija fil-11 ta' Ottubru 2007 minn din l-Onorabbli Qorti presjeduta mill-Onor. Imħallef Anna Felice (kopji hemm annessi u mmarkati bħala Dok. HSBC 1 sa Dok. HSBC 3), l-intimati Francis u Anna konjuġi Caruana,*

*ikkostitwew ruħhom bħala vera, ċerti u likwidi debituri in solidum tas-soċjetà esponenti fl-ammont globali ta' mija u wieħed u għoxrin elf, sitt mija u tlett euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€121,603.45) oltre imgħaxijiet legali ulterjuri bir-rata ta' 8% fis-sena mit-22 ta' Marzu 2000 sad-data tal-effettiv pagament;*

*Illi wara li saru diversi pagamenti, l-intimati baqgħu debituri tal-Bank rikorrenti u għaddew iżjed minn tliet snin mid-data li d-drittijiet tal-Bank rikorrenti ġew ravvivati u l-kuntratt tal-4 ta' Mejju 2000 reġa' sar titolu eżekuttiv kontra l-intimati Francis u martu Anna Caruana u s-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob l-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 258 tal-istess Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex teżegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tal-intimati Francis u Anna konjuġi Caruana għall-bilanċ li għadu dovut;*

*Għalhekk is-soċjetà rikorrenti prevja kull dikjarazzjoni u provediment opportun, titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-soċjetà rikorrenti tgħaddi għall-eżekuzzjoni tal-istess titolu eżekuttiv fuq imsemmi stante li għaddew iżjed minn tlett snin mid-data tal-istess sentenza tal-11 ta' Ottubru 2007 (Ċitaz numru 669/06AF), li d-dejn għadu mhux saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta minn fejn jirriżulta li r-rikorrent għandu: "jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew it-talba li qiegħed ifittex l-eżekuzzjoni tagħha u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut".*

Rat li l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-intimati skont il-liġi.

Rat ir-Risposta ppreżentata mill-intimati Francis u Anna miżżewġin Caruana fil-21 ta' Novembru 2014, li eċċipew is-segwenti:

*Fl-ewwel lok, ma jidhirx mill-atti notifikati lill-istanti 'illi s-soċjetà rikorrenti ikkonfermat bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew it-talba li qiegħed ifittex l-eżekuzzjoni tagħha u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut'. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' tali konformità mad-dispost tal-Art. 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikors odjern huwa irritu u null;*

*Fit-tieni lok, in linea mad-dikjarazzjoni tas-soċjetà rikorrenti illi "saru diversi pagamenti", l-istess rikorrenti għandha tiddikjara s-somma "illi fuqha qiegħda titlob l-awtorizzazzjoni għall-eżekuzzjoni u kif tali somma hija komputata. Fin-nuqqas ta' tali dikjarazzjoni, jiġi sottomess, l-istanti ma jistgħux ħlief jopponu għat-talba odjerna. Din l-Onorabbli Qorti, jiġi sottomess, ma tistax taċċedi għat-talba odjerna fin-nuqqas tad-dikjarazzjoni msemmija u dan għaliex, altrimenti tkun qiegħda tagħti carte blanche lis-soċjetà rikorrenti "illi teżegwixxi abbażi ta' somma komputata minnha, mingħajr il-kontroll tal-istanti fuq tali komputazzjoni" (Ara sentenzi PA tat-18 ta' April 2002 fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc vs John Dalli et** u tal-31 ta' Mejju, 2001 fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs. Mediterranean Wire Industries Limited et**).*

Rat l-atti kollha tar-Rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Diċembru, 2014 fejn l-Avukat Keith Borg għall-konvenuti iddikjara li qiegħed jirtira l-ewwel eċċezzjoni.

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-proċedura qiegħda ssir ai termini tal-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jipprovdi kif ġej:

> *"Wara - .....*
>
> *(ċ) l-għeluq ta' tliet snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu eżekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-Artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu 166A seta' ġie eżegwit,*
>
> *l-eżekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-eżekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut."*

Illi fi proċediment ta' din ix-xorta ai termini tal-Artikolu 258(ċ), fejn tintalab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex tiġi riavvivata l-eżegwibbilità ta' titolu eżekuttiv meta jkun għadda t-terminu ta' żmien stabbilit mil-liġi għall-eżekuzzjoni tiegħu, l-eżerċizzju li jrid isir mill-Qorti huwa biss wieħed ta' verifika u ċertament mhux li ssir il-kanonizzazzjoni u l-komputazzjoni mill-ġdid tal-bilanċ dovut.

Fi proċediment ai termini tal-Artikolu 258(ċ), il-Qorti trid tivverifika biss li r-rikorrent ikkonferma bil-ġurament tiegħu (i) ix-xorta tad-dejn li jkun qiegħed ifittex l-eżekuzzjoni tiegħu; u (ii) li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut. F'dan is-sens ara sentenza fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. vs Multi Investments Limited et.,** deċiża (PA) fil-31 ta' Mejju 2012:

*"Dak li jrid jiġi mistħarreġ u deċiż hu biss jekk jeżistix titolu eżekuttiv a bazi tal-Artikolu 253(b) tal-Kap. 12 u jekk in-natura ta' dan it-titolu għadux viġenti u li d-debitu jew parti minnu għadu dovut. Jekk ir-risposta għal dawn il-kweżiti hi fl-affermattiv, jiskatta d-dritt tar-rikorrenti li dan it-titolu jerġa' jiġi reż eżekuttiv. Billi jkun skada t-terminu li fih dan it-titolu skont il-liġi seta' jiġi eżegwit kontra d-debitu, il-liġi terġa' ġġedded a bażi tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 l-eżegwibilità tat-titolu eżekuttiv."*

Illi dan il-proċediment ai termini tal-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ċertament li mhuwiex intiż biex issir komputazzjoni u kanonizzazzjoni mill-ġdid tal-bilanċ tal-kreditu dovut lis-soċjetà rikorrenti, iżda għandu biss l-għan li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex it-titolu eżekuttiv ikun jista' jerġa' jsir eżegwibbli wara li jkun għadda t-terminu ta' żmien stabbilit mil-liġi ta' tlett snin.

Illi kif ġie spjegat fis-sentenza (PA) deċiża fit-12 ta' April 2012 fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs. Refco Co Ltd u Paul u Marika mizzewgin Ciantar:**

"Irrispettivament x'inhu l-ammont li għadu dovut mill-intimati, f'dan it-tip ta' proċediment mhuwiex il-kompitu tal-qorti li toqgħod tagħmel konteġġi u tikkundanna lill-intimati jħallsu xi ammont. L-eżerċizzju li jrid isir hu pjuttost wieħed ta' verifika li għad hemm ħlas dovut, ċjoè li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu eżekuttiv favur il-kreditur. Ovvjament l-eżekuzzjoni għandha ssir biss fuq il-bilanċ li għadu dovut mill-intimati".

Illi bejn il-partijiet mhuwiex ikkontestat li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-Atti tan-Nutar Dottor Herbert Cassar datat 4 ta' Mejju, 2000[1], reż eżekuttiv permezz ta' ittra uffiċjali tas-27 ta' Marzu 2001, u mġedded permezz ta' sentenza mogħtija fil-11 ta' Ottubru 2007 minn din il-Qorti diversament ippresjeduta, hu titolu eżekuttiv skont l-Artikolu 253(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u li japplika għalih l-Artikolu 258(ċ) tal-istess Kodiċi.

Illi mhuwiex ikkontestat lanqas bejn il-partijiet li d-dejn inkwistjoni jew parti minnu għadu dovut. Dak li jidher li huwa kkontestat bejn il-partijiet hija l-komputazzjoni tal-bilanċ dovut, 'il għaliex skont ma ġie ddikjarat mill-avukat tal-intimati waqt it-trattazzjoni, l-intimati mhumiex jaqblu mal-komputazzjoni li saret mill-bank rikorrent tal-bilanċ li għadu dovut.

[1] A fol. 3-6.

Iżda din il-Qorti hija tal-fehma li jekk l-intimati mhumiex qegħdin jaqblu mal-konteġġi tal-bank rikorrenti tal-bilanċ dovut, huwa biss fil-kors tal-proċeduri tal-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv permezz ta' atti eżekuttivi li jistgħu jiġu kkontestati dawn il-konteġġi a tenur tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ċertament mhux fil-kors ta' dawn il-proċedimenti li qegħdin isiru ai termini tal-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti qegħda tilqa' t-talba tal-bank rikorrenti u skont l-Artikolu 258 tal-Kap. 12 qegħda terġa' tirrendi eżegwibbli l-kuntratt pubbliku tal-4 ta' Mejju 2000 pubblikat min-nutar Dr Herbert Cassar[2] fir-rigward tal-bilanċ li għadu dovut lill-bank rikorrenti.**

**Spejjeż a karigu tal-intimati.**

**Onor. Imħallef Dr. Lawrence Mintoff LL.D.**

**Frederick Stagno Navarra – Dep. Reg.**

**MOQRIJA**

**< Sentenza Finali >**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**

**< Sentenza Finali >**

[2] A. fol 3-6.

---------------------------------TMIEM---------------------------------